



2025/2033

23.10.2025

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2025/2033

tat-23 ta' Ottubru 2025

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/2032 tat-23 ta' Ottubru 2025 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 833/2014 ⁽²⁾.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jagħti effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK ⁽³⁾.
- (3) Fit-23 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032, li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK.
- (4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 iżżid 45 entità mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fl-Anness IV tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, jiġifieri l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li jappoġġaw il-kumpless militari u industrijali tar-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, li fuqhom huma imposti restrizzjonijiet aktar stretti fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, kif ukoll oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ teknoloġiku tas-setturi tad-difiża u tas-sigurtà tar-Russja. Fost l-entitajiet id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 tinkludi f'dik il-lista huma ċerti entitajiet fpajjiżi terzi għajr ir-Russja li jikkontribwixxu indirettament għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja u b'hekk jippermettu ċ-ċirkomvenzjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, inkluż fuq għodod tal-magni ta' kontroll numeriku bil-kompjuters, fuq mikroelettronika, vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ, u oġġetti oħra ta' użu doppju u ta' teknoloġija avvanzata.
- (5) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 tespandi l-lista ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha billi telenka oġġetti li ntużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u oġġetti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp jew il-produzzjoni tas-sistemi militari tagħha, inklużi komponenti elettroniċi, rangefinders, sustanzi kimiċi addizzjonali użati fil-preparazzjoni ta' propellanti, u metalli, ossidi u liġi addizzjonali użati fil-manifattura ta' sistemi militari.
- (6) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 tintroduċi deroga mmirata ġdida mill-projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' ċerti oġġetti li jiġġeneraw dħul sinifikanti għar-Russja u li huma meħtieġa għat-tħaddim, il-manutenzjoni jew it-tiswija ta' lampi ultravjola (UV) użati għad-dizinfekzjoni tal-ilma tax-xorb. Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 temenda wkoll id-deroga mill-projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' ċerti oġġetti li jiġġeneraw dħul sinifikanti għar-Russja, u li huma meħtieġa għat-tħaddim, il-manutenzjoni jew it-tiswija tal-vaguni tal-linja tal-metro 3 ta' Budapest.
- (7) Sabiex jitnaqqas aktar id-dħul tar-Russja, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 testendi l-projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' ċerti oġġetti li jiġġeneraw dħul sinifikanti għar-Russja għall-idrokarburji aċikliċi kollha.
- (8) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 timponi aktar restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali Russi, bħal mluħ u minerali, oġġetti ta' tubi tal-lastiku, tajers, ħaġar tal-mitħna u materjali tal-kostruzzjoni.
- (9) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 testendi l-lista ta' pajjiżi sħab għall-importazzjoni ta' prodotti petroliferi.

⁽¹⁾ ĠU L, 2025/2032, 23.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2032/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/833/oj>).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2014/512/oj>).

- (10) Sabiex tnaqqas aktar id-dħul tar-Russja mill-esportazzjoni tal-fjuwils fossili, iżżid il-kostijiet tal-azzjonijiet illegali tagħha fl-Ukraina u titfa' l-pressjoni massima fuq ir-Russja biex twaqqaf il-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukraina, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 timponi projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament fl-Unjoni ta' gass naturali likwifikat li joriġina jew jiġi esportat mir-Russja, kif ukoll fuq l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata. Sabiex jiġi pprovdut l-ogħla grad ta' ċertezza legali lill-operaturi tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-importaturi tal-gass tal-Unjoni, u wkoll biex tiġi pprovduta ċarezza dwar id-dispożizzjonijiet legali applikabbli skont il-liġi tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġi enfasizzat li jenħtieġ li din il-projbizzjoni, li bħal kwalunkwe miżura oħra fir-Regolament (UE) Nru 833/2014, għandha effett legali dirett u ma tipprovdi l-ebda diskrezzjoni għall-Istati Membri jew għall-operaturi tal-Unjoni, tiġi osservata u jenħtieġ li tapplika irrispettivament mill-miżuri potenzjali skont bażijiet legali oħra li jkopru l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment tal-LNG li joriġina jew jiġi esportat mir-Russja. Sakemm jitħassar ir-Regolament (UE) Nru 833/2014, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-miżura jippersisti irrispettivament minn atti legali oħra taħt bażijiet legali differenti.
- (11) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 tintroduċi deżinjazzjonijiet addizzjonali ta' bastimenti, temenda wieħed mill-kriterji ta' deżinjazzjoni u temenda dispożizzjonijiet relatati dwar servizzi pprojbiti għal bastimenti magħżula, . Fir-rigward tal-projbizzjoni fuq l-operaturi tal-Unjoni milli jipprovdu assigurazzjoni u riassigurazzjoni lil bastimenti deżinjati, id-deżinjazzjoni ta' bastiment hija mingħajr preġudizzju għall-ħlas ta' pagamenti mill-assiguratur rilevanti tal-bastiment lil persuni u entitajiet li jkunu sofrew ħsara kkawżata mill-bastiment fir-rigward ta' pretensjonijiet li jirriżultaw minn avvenimenti qabel ma l-bastiment ikun ġie deżinjat.
- (12) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 tneħħi ċerti eżenzjonijiet relatati mal-enerġija mill-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet għal żewġ intrapriżi speċifiċi tal-Istat.
- (13) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 testendi l-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet li tapplika għal persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li qed jikkonnettjaw mas-sistema għat-trasferiment ta' messaġġi finanzjarji ("SPFS") tal-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa ("Bank Ċentrali tar-Russja") jew servizzi speċjalizzati ekwivalenti ta' messaġġi finanzjarji stabbiliti mill-Bank Ċentrali tar-Russja, ma' servizzi ta' pagament oħra, bħas- Sistema Nazzjonali Russa ta' Karti tal-Pagamenti (bir-Russu, "Mir") jew is-Sistema ta' Pagamenti Rapidi ("SBP"), stabbiliti mill-Bank Ċentrali tar-Russja jew minn entitajiet Russi oħra. Iżżid ukoll eżenzjonijiet għal tranżazzjonijiet li huma meħtieġa għall-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi u għal tranżazzjonijiet magħmula minn ċittadini ta' Stat Membru li huma residenti tal-pajjiż terz, għal tranżazzjonijiet li huma meħtieġa għal kuntratti eżistenti u r-riċeviment ta' pagamenti, u għall-minoranzi etniċi tal-Istati Membri fir-Russja.
- (14) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 testendi l-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji ta' pajjiżi terzi u fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi biex tinkludi wkoll entitajiet li jipprovdu servizzi ta' pagament, u b'mod partikolari entitajiet li jipprovdu servizzi tal-kriptoassi u ta' pagament lill-entitajiet elenkati. Sabiex tiġi miġġielda l-proliferażzjoni ta' entitajiet ġodda li jieħdu post daww elenkati, hija tespandi wkoll il-projbizzjoni tat-tranżazzjoni biex tkopri entitajiet ekwivalenti jekk jiġu ssodisfati ċerti kriterji. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 iżżid 8 entitajiet ġodda mal-lista fl-Anness XIX għal dik id-Deċiżjoni. Dik iż-żieda jenħtieġ li tiġi riflessa billi jiżdiedu wkoll daww l-entitajiet mal-lista fl-Anness XLV għar-Regolament (UE) Nru 833/2014. Fl-aħħar nett, iżżid ukoll eżenzjonijiet għal tranżazzjonijiet li huma meħtieġa għal kuntratti eżistenti u r-riċeviment ta' pagamenti.
- (15) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 testendi aktar il-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet għal kwalunkwe port u serratura f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja li jintużaw għat-trasferiment ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs) jew missili jew teknoloġija relatata jew komponenti tagħhom lir-Russja, jew għaċ-ċirkonvenzjoni tal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet taż-Żejt minn bastimenti bi Prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli, jew għaċ-ċirkonvenzjoni ta' miżuri restrittivi oħra.
- (16) Żoni ekonomiċi, ta' innovazzjoni u preferenzjali speċjali huma element ewlieni tal-istrategġija ta' żvilupp ekonomiku tal-Federazzjoni Russa. Dawn huma mfassla biex jattiraw investiment dirett u jippromwovu kapaċità industrijali, teknoloġika u innovattiva billi jipprovdu reġimi preferenzjali tat-taxxa, doganali u regolatorji fir-rigward ta' parks industrijali, raggruppamenti tat-teknoloġija, ċentri loġistiċi u żoni portwali madwar il-Federazzjoni Russa.
- (17) Daww iż-żoni jinkludu ż-Żoni Ekonomiċi Speċjali (SEZ, Special Economic Zones), ir-reġimi ta' innovazzjoni u r-reġimi preferenzjali tal-Lvant Imbiegħed u tal-Artiku, kif definiti fil-liġijiet Russi bħal-Liġi Federali Nru 116-FZ tat-22 ta' Lulju 2005, il-Liġi Federali Nru 244-FZ tat-28 ta' Settembru 2010, il-Liġi Federali Nru 212-FZ tat-13 ta' Lulju 2015 u l-Liġi Federali Nru 193-FZ tat-13 ta' Lulju 2020. Ċerti SEZ u reġimi ta' innovazzjoni huma ċentrali għall-kapaċità industrijali u teknoloġika tar-Russja, filwaqt li jospitaw intrapriżi involuti fil-produzzjoni jew l-iżvilupp ta' oġġetti b'użu doppju, elettronika avanzata, robotika, software, vetturi, komponenti tal-avjazzjoni, sistemi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ u oġġetti u teknoloġija oħra li jikkontribwixxu għall-isforz tal-gwerra Russa. Ir-reġimi preferenzjali fid-Distrett Federali tal-Lvant Imbiegħed u ż-Żona Artika jappoġġaw il-loġistika marittima, il-bini tal-bastimenti, is-setturi tal-minjieri u petrokimiċi u r-rotot tal-esportazzjoni tal-enerġija li huma ċentrali għar-riorjentazzjoni ekonomika tar-Russja lejn l-Asja, kif ukoll għaċ-ċirkonvenzjoni tal-miżuri restrittivi.

- (18) Sabiex ir-Russja tiġi m'ahhda aktar mill-mezzi biex issostni l-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 tipprobixxi kwalunkwe parteċipazzjoni għda fi, il-ħolqien ta' impriżi konġunti ma', u l-għoti ta' finanzjament lil kwalunkwe intrapriża stabbilita f'ċerti żoni ekonomiċi, ta' innovazzjoni jew preferenzjali speċjali jew li topera permezz tagħhom, kif ukoll li jiġi pprobit id-dħul f'kuntratti ġodda ma' tali intrapriżi. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 tipprobixxi ż-żamma ta' kwalunkwe parteċipazzjoni fi, jew ta' impriżi konġunti jew kuntratti ma', kwalunkwe intrapriża stabbilita fi jew li topera permezz ta' ċerti żoni ekonomiċi, ta' innovazzjoni jew preferenzjali speċjali. Fl-aħħar nett, jiġu pprovduti eżenzjonijiet u derogi xierqa biex jiġu evitati effetti mhux mixtieqa ta' dawk il-projbizzjonijiet.
- (19) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 timponi restrizzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi, fuq il-forniment tas-servizzi ta' pagament imsemmija fil-punti 5 u 7 tal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, u dwar l-ħruġ ta' flus elettroniċi lil ċittadini Russi, persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, u persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja, fid-dawl tal-importanza ta' dawn is-servizzi għall-iżvilupp tas-setturi tat-teknoloġija finanzjarja u tal-kummerċ elektroniku tar-Russja u l-użu potenzjali ta' servizzi tal-kriptoassi biex jiġu evitati miżuri restrittivi. Dawk ir-restrizzjonijiet ma jestendux għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament kif imsemmi fil-punti 3 u 4 tal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2015/2366. Jenħtieġ li r-restrizzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi ta' pagament ma jinftehmux bħala li jimponu obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' bidu ta' pagament biex jiddeterminaw in-nazzjonalità, ir-residenza jew il-post ta' stabbiliment tal-utenti ta' servizzi ta' pagament għal kull tranżazzjoni, u lanqas fuq l-akkwirenti ta' tranżazzjonijiet ta' pagament biex iwettqu skrinjar tas-sanzjonijiet ta' tranżazzjonijiet individwali ta' pagament b'kard. Ir-responsabbiltà primarja għall-konformità mas-sanzjonijiet fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament hija tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament li jġestixxi l-kont. Ir-restrizzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi huma vinkolanti wkoll fuq il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li joperaw taħt ir-reġim tranżitorju stipulat fl-Artikolu 143(3) tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾.
- (20) L-użu ta' ċerti kriptoassi jista' joħloq riskju sinifikanti ta' ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 833/2014 u r-Regolament (UE) Nru 296/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna ⁽⁶⁾, b'mod partikolari l-projbizzjonijiet fuq it-tranżazzjonijiet u l-iffriżar tal-assi. Projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet li jinvolvu dak il-kriptoassi hija miżura meħtieġa biex jiġi evitat dak l-eżitu, filwaqt li tippermetti wkoll perjodu ta' żmien limitat li jippermetti t-terminazzjoni ordnata tal-kuntratti eżistenti.
- (21) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 iżżid 5 istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet. Il-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet tapplika għal ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji Russi jew entitajiet oħra li jabbonaw għal servizzi ta' messaġġi finanzjarji jew għal sussidjarji Russi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji ta' pajjiżi terzi, li huma rilevanti għas-sistema finanzjarja u bankarja Russa, u huma jew banek reġjonali kbar jew importanti, li konsegwentement jiffaċilitaw finanza u negozju reġjonali u federali, jew banek li jiffaċilitaw pagamenti transfruntiera sinifikanti, u b'hekk isaħħu l-ekonomija Russa u l-industrija tagħha, banek li jdgħajfu l-integrità territorjali tal-Ukrajna billi joperaw fit-territorji okkupati tal-Ukrajna, jew banek li diġà huma s-suġġett ta' miżuri restrittivi imposti mill-Unjoni jew minn pajjiżi sħab. B'mod parallel, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 iżżid l-eżenzjonijiet meħtieġa għal finijiet umanitarji, għall-esportazzjoni, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi jew agrikoli u tal-ikel, biex tiżgura aċċess għal proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, għar-riċeviment ta' pagamenti dovuti mill-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi kkontrollati mill-Gvern Russu skont kuntratti mwettqa qabel il-15 ta' Mejju 2022, u għall-implimentazzjoni ta' ċerti awtorizzazzjonijiet mogħtija skont ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 għall-minoranzi etniċi tal-Istati Membri fir-Russja. Dawk l-eżenzjonijiet u d-deroga huma mingħajr preġudizzju għall-projbizzjoni fuq l-operaturi fl-Unjoni li jipprovdu servizzi ta' messaġġi finanzjarji lill-entitajiet elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.

⁽⁴⁾ Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj>).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj>).

⁽⁶⁾ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj>.

- (22) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 timponi aktar restrizzjonijiet fuq il-forniment, lill-Gvern tar-Russja jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja, ta' servizzi li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet teknoloġiċi tar-Russja, jiġifieri l-forniment ta' ċerti servizzi kummerċjali bbażati fl-ispazju, , ċerti servizzi tal-intelliġenza artifiċjali, u servizzi tal-computing ta' prestazzjoni għolja u tal-computing kwantistiku. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tar-restrizzjonijiet attwali biex tkopri mhux biss l-ittestjar u l-analiżi tekniċi, kif ikklassifikati fil-klassi 8676 tal-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif stabbilit fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, Nru 77, CPC prov., 1991, iżda wkoll servizzi oħra li jiffurmaw il-grupp 867 tal-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti. Dawn is-servizzi jinkludu b'mod partikolari, kif ikklassifikati fil-klassi 8675, is-servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati mal-inġinerija li ġejjin: servizzi ta' tiftix ġeoloġiku, ġeofiżiku u xjentifiku ieħor, stħarriġ taħt il-wiċċ tal-art, stħarriġ tal-wiċċ tal-art u servizzi tal-produzzjoni tal-mapep.
- (23) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 tirrestrinġi l-forniment ta' servizzi direttament relatati ma' attivitajiet turistiċi fir-Russja, b'mod partikolari dawk ikklassifikati fil-klassijiet 7471 u 7472 tal-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif stabbilit fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, Nru 77, CPC prov., 1991. Dan isir sabiex jitnaqqas id-dħul li r-Russja tikseb minn tali servizzi u biex tiġi skoraggħuta l-promozzjoni ta' attivitajiet ta' vjaġġar u divertiment mhux essenzjali lejn ir-Russja, speċjalment f'kuntest fejn iċ-ċittadini tal-Unjoni jiffaċċjaw riskju akbar ta' arresti u detenzjoni arbitrari, u fejn il-protezzjoni konsulari għal persuni li jkollhom ċittadinanza doppja hija limitata.
- (24) Bil-ħsieb tal-gwerra ta' aggressjoni kontinwa tar-Russja kontra l-Ukrajna, kwalunkwe forniment ulterjuri ta' servizzi lill-Gvern tar-Russja jenħtieġ li jiġi vvalutat *ex ante* minn awtorità kompetenti, sabiex jittaffa r-riskju ta' servizz li jikkontribwixxi għall-kapaċità militari, teknoloġika jew industrijali tar-Russja. Għalhekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 tintroduċi rekwiżit għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti għal kwalunkwe servizz ipprovdut lill-Gvern tar-Russja li mhuwiex diġà soġġett għall-miżuri restrittivi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 833/2014.
- (25) Sabiex tiġi limitata l-kapaċità tal-istat Russu li jikseb dħul mill-inġenji tal-ajru u bastimenti qodma u mhux miżmuma biżżejjed, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 tipprojbixxi li tiġi pprovduta riassigurazzjoni għal inġenji tal-ajru jew bastimenti Russi użati matul perjodu ta' ħames snin wara l-arranġamenti ta' bejgħ jew kiri ta' dawk l-inġenji tal-ajru u il-bastimenti li sar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (26) Fiż-żona Schengen u meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru għajr dak tal-akkreditazzjoni tagħhom, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 tistabbilixxi mekkaniżmu ta' notifika minn qabel għad-diplomatiċi u l-uffiċjali konsulari Russi, kif ukoll għall-membri tal-persunal amministrattiv u tekniku jew tal-persunal tas-servizz ta' misjonijiet diplomatiċi jew postijiet konsulari tar-Russja, u għall-membri tal-familja tagħhom. Dak il-mekkaniżmu ta' notifika minn qabel għandu l-għan li jiżgura s-sensibilizzazzjoni tal-Istati Membri dwar movimenti relatati, fi sfond ta' żieda fl-attivitajiet ta' intelligence ostili li jappoġġaw l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 tipprevedi wkoll li l-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu dan, jistgħu jimponu rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar lejn it-territorji tagħhom ta' tali individwi, abbażi ta' viżi jew permessi ta' residenza maħruġa minn Stat ieħor.
- (27) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2032 tagħmel ċerti emendi tekniċi għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, inkluż biex testendi l-iskadenzi applikabbli għal ċerti derogi meħtieġa għal ċessjonijiet mir-Russja. L-operaturi jenħtieġ li jkunu konxji mill-fatt li r-Russja hija pajjiż fejn l-istat tad-dritt ma għadux jiġi applikat, u li l-Federazzjoni Russa adottat diversi biċċiet ta' leġislazzjoni li jimmiraw l-assi ta' kumpaniji minn hekk imsejħa "pajjiżi mhux ħbieb", inkluż Stati Membri. Dik is-sitwazzjoni tista' twassal biex assi tal-Unjoni jisfaw irrekuperabbli fir-Russja mingħajr il-possibbiltà ta' irtirar ordnat. F'dan l-isfond, peress li l-impriżi fl-Unjoni huma rakkomandati li jieħdu kwalunkwe pass possibbli biex jagħlqu n-negozji fir-Russja u ma jibdewx negozji ġodda hemmhekk, huwa xieraq li d-derogi ta' diżvestment jiġu estiżi biex jippermettu lill-impriżi tal-Unjoni joħorġu malajr kemm jista' jkun mis-suq Russu. Id-derogi estiżi jingħataw skont il-każ mill-Istati Membri u huma ffukati li jippermettu proċess ta' diżvestment ordnat, li kieku ma jkunx possibbli mingħajr l-estensjoni ta' dawk l-iskadenzi.
- (28) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.
- (29) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

- “(zh) ‘kriptoassi’ tfisser kriptoassi kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (5), tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);
- (zi) ‘servizzi ta’ ħlas’ tfisser servizzi kif definiti fl-Artikolu 4(3) ta’ Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**);
- (zj) ‘servizzi relatati direttament ma’ attivitajiet turistiċi’ tfisser is-servizzi li ġejjin:
- (i) servizzi ta’ aġenziji tal-ivvjaġġar u operatori ta’ tours, inkluż servizzi mogħtija għall-ivvjaġġar tal-passiġġieri minn aġenziji tal-ivvjaġġar u operatori ta’ tours u servizzi simili; servizzi ta’ informazzjoni, pariri u ppjanar dwar l-ivvjaġġar; servizzi relatati mal-arranġament ta’ tours, akkommodazzjoni, trasport tal-passiġġieri u tal-baġalji; servizzi ta’ ħruġ tal-biljetti;
 - (ii) servizzi ta’ gwidi turistiċi;
 - (iii) servizzi ta’ reklamar marbuta mas-servizzi msemmija fil-punti (i) u (ii).

- (*) Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta’ Mejju 2023 dwar is-swieg fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj>).
- (**) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar is-servizzi ta’ pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj>).”;

(2) fl-Artikolu 3i huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3e huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3e. B’deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta’ dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta’ oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7007, 7019, 8424 10 00, 8479, 8481, 8483, 8487, 8504, 8516 29 50, 8517, 8525, 8531, 8536, 8537, 8538, 8539, 8542, 8543, u 8603, kif elenkati fl-Anness XXI, jew l-ġħoti ta’ assistenza teknika u finanzjarja relatata, b’dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għall-operat, il-manutenzjoni jew it-tiswija tal-vaguni tal-linja tal-metro 3 ta’ Budapest ikkonsenjati fl-2018, fl-eżekuzzjoni tas-servizz ta’ garanzija tul il-ħajja pprovduta minn *Metrowagonmash* qabel l-24 ta’ Ġunju 2023.”;

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“3bb. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2901 10 00, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-25 ta’ Jannar 2026 ta’ kuntratti konklużi qabel l-24 ta’ Ottubru 2025, jew ta’ kuntratti aċċellari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta’ tali kuntratti.

3bc. Mis-26 ta’ Jannar 2026 sal-25 ta’ Lulju 2026, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għax-xiri jew l-importazzjoni lejn l-Ungerija ta’ oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2901 10 00 li joriġinaw mir-Russja jew li huma esportati mir-Russja, dment li l-oġġetti jkunu maħsuba għall-użu esklużiv fl-Ungerija.

3bd. L-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2901 10 00 importati lejn l-Ungerija skont l-eżenzjoni fil-paragrafu 3bc ma għandhomx jinbiegħu lil xerrejja li jinsabu fi Stat Membru ieħor jew f’pajjiż terz.”;

“3g. B’deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta’ dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta’ oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8539 49, kif elenkati fl-Anness XXI, jew l-ġħoti ta’ assistenza teknika u finanzjarja relatata, b’dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għall-operat, il-manutenzjoni jew it-tiswija ta’ moduli ultravjola (UV) użati għad-dizinfekzjoni tal-ilma tax-xorb fin-nuqqas ta’ fornitur ta’ lampi UV ekwivalenti u oġġetti relatati barra mir-Russja.”;

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 3ab, 3c, 3e jew 3g fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.”;

(3) l-Artikolu 3k huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 3ag;

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“3aj. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness XXIII G, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-25 ta' Jannar 2026 ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' Ottubru 2025, jew ta' kuntratti aċċellari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3ak. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 6902 u 6909 19, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-25 ta' April 2026 ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' Ottubru 2025, jew ta' kuntratti aċċellari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.”;

(c) fil-paragrafu 5a, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7615 10, il-kodiċi NM 8414 60, il-kodiċi NM 8422 30 u l-kodiċi NM 8423 10.”;

(4) jiddahhla l-artikolu li ġej:

“Artikolu 3ra

1. Għandhom ikunu pprojbit, mill-25 ta' April 2026 ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' gass naturali likwifikat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2711 11 00, jekk joriġina mir-Russja jew jiġi esportat mir-Russja.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2027 f'każ li x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment jiġi eżegwit skont kuntratt għall-provvista tal-gass naturali likwifikat, eskluż derivattivi tal-gass naturali, li t-tul ta' żmien tal-kuntratt jaqbeż sena u li l-kuntratt ikun ġie konkluż qabel is-17 ta' Ġunju 2025 u meta dak il-kuntratt ma jkunx emendat minn hemm 'il quddiem, sakemm l-emenda ma tkunx limitata għal:

(a) tnaqqis tal-kwantitajiet kuntrattati;

(b) tnaqqis tal-prezzijiet u tariffi;

(c) emendar tal-klawżoli tal-kunfidenzjalità;

(d) proċeduri operazzjonali emendatorji, bħal proċeduri ta' komunikazzjoni;

(e) bidliet fl-indirizzi tal-partijiet kontraenti;

(f) trasferimenti ta' obbligi kuntrattwali bejn impriżi affiljati;

(g) bidliet meħtieġa minn proċeduri ġudizzjarji jew ta' arbitraġġ jew,

(h) pajjiżi mingħajr kosta, bidliet bejn il-punti ta' twassil nazzjonali.

3. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja jew kwalunkwe servizz ieħor relatat mal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.

4. F'konformità mal-Artikoli 13 u 14, għandha ssir konformità mal-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 3 irrispettivament minn kwalunkwe dispożizzjoni skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni b'kamp ta' applikazzjoni li jikkoinċidi.”;

(5) l-Artikolu 3s huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(f) l-għoti ta’ assistenza finanzjarja u ta’ finanzjament, inkluża l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, kif ukoll servizzi ta’ senserija, inkluża s-senserija tal-bastimenti;”;

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum kif elenkati fl-Anness XXV jew prodotti minerali li joriġinaw mir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja u jużaw prattiki tat-tbakkir irregolari u ta’ riskju għoli kif stabbilit fir-riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali;”;

(6) l-Artikolu 5aa, huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) tranżazzjonijiet, inkluż ix-xiri, li huma strettament neċessarji għall-istralċ, sal-31 ta’ Diċembru 2026, ta’ impriża konġunta jew arranġament legali simili li jkun ġie konkluż qabel is-16 ta’ Marzu 2022, li jinvolti persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1;”;

(b) fil-paragrafu 3, jiżdied il-punt li ġej:

“(i) mingħajr preġudizzju għall-projbizzjoni fl-Artikolu 3m, tranżazzjonijiet mal-entitajiet elenkati taħt in-numri tal-entrata 4 u 6 fil-Parti A tal-Anness XIX li huma meħtieġa għall-kummerċ, is-senserija, it-trasport, inkluż permezz ta’ trasferimenti minn vapur għal vapur lejn pajjiżi terzi, u l-assistenza teknika relatata, is-servizzi ta’ senserija jew il-finanzjament jew l-assistenza finanzjarja ta’ żejt mhux maħdum li jaqa’ taħt il-kodiċi NM 2709 00 u prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710, li joriġinaw mir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja, dment li l-prezz tax-xiri għal kull barmil ta’ tali prodotti ma jaqbiżx il-prezz stabbilit fl-Anness XXVIII ta’ dan ir-Regolament, f’konformità mal-Artikolu 3n, il-paragrafu 6(a) ta’ dan ir-Regolament.”;

(c) fil-paragrafu 3, is-subparagrafi li ġejjin jiżdiedu wara l-punt (i):

“L-eżenzjonijiet fil-punti (a) u (aa) ta’ dan il-paragrafu ma japplikawx għall-entità elenkata taħt l-entrata numru 4 fil-Parti A tal-Anness XIX, ħlief għat-tranżitu taż-żejt jew prodotti petroliferi raffinati li joriġinaw minn pajjiż terz li qed jitgħabbew biss fir-Russja, jitolqu minnha jew jgħaddu minnha, dment li kemm l-oriġini kif ukoll is-sid ta’ daww l-oġġetti ma jkunux Russi.

L-eżenzjonijiet fil-punti (a), (aa) u (b) ta’ dan il-paragrafu ma japplikawx għall-entità elenkata taħt l-entrata numru 6 fil-Parti A tal-Anness XIX.”;

(d) il-paragrafu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej

“(3a) B’deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b’tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, tranżazzjonijiet li huma strettament neċessarji għad-diżinvestiment u l-irtirar sal-31 ta’ Diċembru 2026, mill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jew tas-sussidjarji tagħhom fl-Unjoni minn persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fl-Unjoni.”;

(7) l-Artikolu 5ac huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 sa 4 huma sostitwiti b’dawn li ġejjin:

“1. Għandu jkun ipprobit, mill-25 ta’ Ġunju 2024, li persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fl-Unjoni u li joperaw barra mir-Russja jikkonnettjaw mas-Sistema għat-Trasferiment ta’ Messaġġi Finanzjarji (SPFS) tal-Bank Ċentrali tar-Russja jew servizzi ta’ messaġġi finanzjarji u ta’ pagament speċjalizzati ekwivalenti stabbiliti mill-Bank Ċentrali tar-Russja, u, mill-25 ta’ Jannar 2026, li jikkontettjaw ma’ kwalunkwe sistema tal-Bank Ċentrali tar-Russja jew ma’ sistemi ipprovduti minn kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp ieħor inkorporat jew kostitwit skont il-liġi tar-Russja li jinkludu funzjonalità ta’ messaġġi finanzjarji, inkluż is-Sistema ta’ Pagamenti Rapidi (SBP) u Mir.

2. Għandu jkun ipprojbit l-involvement, direttament jew indirettament, fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra mir-Russja kif elenkati fl-Anness XLIV.

L-Anness XLIV għandu jinkludi l-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi stabbiliti barra mir-Russja li jużaw l-SPFS tal-Bank Ċentrali tar-Russja jew servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati ekwivalenti stabbiliti mill-Bank Ċentrali tar-Russja jew mill-Istat Russu, jew kwalunkwe sistema tal-Bank Ċentrali tar-Russja u kwalunkwe sistema pprovduta minn kwalunkwe entità Russa oħra li tinkludi funzjonalità ta' messaġġi finanzjarji, inkluż is-Sistema ta' Pagamenti Rapidi (SBP) u Mir.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika sal-25 ta' April 2026 għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' Ottubru 2025 mal-persuni ġuridiċi elenkati fl-Anness XLIV mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/2033, jew ta' kuntratti aċċellari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

4. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika għal pagamenti dovuti minn persuna ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness XLIV sal-24 ta' Ottubru 2025 skont kuntratti mwettqa qabel il-25 ta' April 2026”;

(b) il-punti li ġejjin għandhom jiżiedu mal-paragrafu 5:

“(g) neċessarji għall-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali f'pajjiżi terzi li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali;

(h) magħmula minn ċittadini ta' Stat Membru li huma residenti ta' pajjiżi terzi,

(i) meħtieġa għall-programmi ta' responsabbiltà storika tal-Istati Membri jew għall-appoġġ tal-minoranzi etniċi tal-Istati Membri fir-Russja.”;

(8) l-Artikolu 5ad huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Għandu jkun ipprojbit l-involvement, direttament jew indirettament, fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra l-Unjoni li:

(a) tkun istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja jew entità li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi jew servizzi ta' pagament li tipprovdi tali servizzi lil persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi elenkati f'dan ir-Regolament jew fir-Regolament (UE) Nru 269/2014 jew li b'xi mod ieħor tfixx b'mod sinifikanti l-iskop tal-projbizzjonijiet f'dawk ir-Regolamenti, kif elenkat fil-Parti A tal-Anness XLV għal dan ir-Regolament;

(b) hija istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja jew entità li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi jew servizzi ta' pagament li tappoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina, inkluż billi tipproċessa tranżazzjonijiet jew tipprovdi finanzjament għall-esportazzjoni għal operazzjonijiet kummerċjali li jfixx l-iskop ta' dan ir-Regolament, kif elenkat fil-Parti B tal-Anness XLV ta' dan ir-Regolament;

(c) ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja jew entità li tipprovdi servizzi tal-kriptoassi jew servizzi ta' pagament u tkun qed tfixx b'mod sinifikanti l-iskop tal-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3m, 3n u 3s ta' dan ir-Regolament, kif elenkat fil-Parti C tal-Anness XLV ta' dan ir-Regolament.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għal:

- (a) persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1;
- (b) entità li tipprovdi servizzi ta' kryptoassi jew servizzi ta' pagament li topera b'ħala mera jew entità suċċessur ta' entità msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1.”;

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“2a. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (b), mera jew entità suċċessur ta' entità elenkata hija entità fejn jiġu ssodisfati mill-inqas tnejn mill-kriterji li ġejjin:

- (a) kontenut, feeds jew flussi ta' tranżazzjonijiet sostanzjalment identiċi;
- (b) il-kontinwità tal-immarkar, id-disinn jew l-interfaċċa tal-utent;
- (c) sjieda, kontroll jew ġestjoni li jikkoinċidu;
- (d) ir-ridirezzjonar jew il-migrazzjoni tal-utenti minn entità elenkata;
- (e) il-kontinwità tal-infrastruttura teknika, inkluż l-użu tal-istess bażi ta' kodiċi, dominji, jew applikazzjonijiet.”;

(d) fil-paragrafu 3, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

- “(d) meħtieġa għall-eżekuzzjoni, sal-25 ta' April 2026 ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' Ottubru 2025 mal-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fil-Parti A tal-Anness XLV mir-Regolament (UE) 2025/2033, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti;
- (e) meħtieġa għar-riċeviment ta' pagamenti dovuti mill-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fil-Parti A tal-Anness XLV mir-Regolament (UE) 2025/2033 skont kuntratti mwettqa qabel l-24 ta' Ottubru 2025.”;

(9) fl-Artikolu 5a, il-kliem introdutturju tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Għandu jkun ipprojbit l-involvement fi kwalunkwe tranżazzjoni, direttament jew indirettament, ma' portijiet u mġhalaq elenkati fil-Parti A u Parti C tal-Anness XLVII. Il-Parti A tal-Anness XLVII għandha tinkludi portijiet u mġhalaq fir-Russja, u l-Parti C tal-Anness XLVII għandha tinkludi portijiet u mġhalaq f'pajjiżi terzi għajr ir-Russja, li jintużaw.”;

(10) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 5a

1. Għandu jkun ipprojbit li:

- (a) tinkiseb kwalunkwe parteċipazzjoni ġdida jew tiġi estiża kwalunkwe parteċipazzjoni eżistenti fis-sjieda jew fil-kontroll ta' kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkun rreġistrati b'ħala residenti ta', jew li l-uffiċċju reġistrat tagħhom, il-post prinċipali tan-negozju, jew l-istabbiliment permanenti jkun jinsab fiż-żoni ekonomiċi, ta' innovazzjoni jew preferenzjali speċjali tal-Federazzjoni Russa elenkati fil-Parti A jew B tal-Anness LII;
- (b) tinħoloq kwalunkwe impriża konġunta, ferġha jew uffiċċju rappreżentattiv ġdid fiż-żoni ekonomiċi, ta' innovazzjoni jew preferenzjali speċjali elenkati fil-Parti A jew B tal-Anness LII, jew ma' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punt (a);
- (c) isir kwalunkwe kuntratt jew arranġament ġdid għall-provvista ta' oġġetti jew servizzi, jew ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali relatati jew sigrieti kummerċjali lil, minn, jew għall-użu fiż-żoni ekonomiċi, ta' innovazzjoni u preferenzjali speċjali elenkati fil-Parti A jew B tal-Anness LII, jew ma' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punt (a).

2. Għandu jkun ipprojbit, mill-25 ta' Jannar 2026, li:

- (a) tinżamm kwalunkwe parteċipazzjoni eżistenti fis-sjeda jew fil-kontroll ta' kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu rreġistrati formalment bħala residenti ta', jew li l-uffiċċju reġistrat tagħhom, il-post prinċipali tan-negozju, jew l-istabbiliment permanenti jkun jinsab fiż-żoni ekonomiċi, ta' innovazzjoni jew preferenzjali speċjali tal-Federazzjoni Russa elenkati fil-Parti tal-Anness LII;
- (b) tinżamm kwalunkwe impriża konġunta, fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv eżistenti fiż-żoni ekonomiċi, ta' innovazzjoni jew preferenzjali speċjali elenkati fil-Parti A tal-Anness LII, jew ma' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punt (a);
- (c) jinżamm kwalunkwe kuntratt jew arranġament eżistenti għall-provvista ta' oġġetti jew servizzi, jew ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali relatati jew sigrietà kummerċjali lil, minn, jew għall-użu fiż-żoni ekonomiċi, ta' innovazzjoni u preferenzjali speċjali elenkati fil-Parti A tal-Anness LII, jew ma' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punt (a).

3. Għandu jkun ipprojbit:

- (a) l-għoti, jew il-parteċipazzjoni fi kwalunkwe arranġament ta' għoti, ta' self jew kreditu jew b'xi mod ieħor l-għoti ta' finanzjament, inkluż kapital ta' ekwità, lil persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1 jew 2, jew għall-fini dokumentat ta' finanzjament ta' tali persuna ġuridika, entità jew korp;
- (b) il-forniment ta' servizzi ta' investiment li jkunu direttament relatati mal-attivitajiet imsemmija fil-punt (a) jew fil-paragrafu 1 jew 2.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw ukoll għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità, jew korp barra miż-żoni ekonomiċi, ta' innovazzjoni jew preferenzjali speċjali elenkati fl-Anness LII li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1 jew 2.

5. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw għal:

- (a) attivitajiet meħtieġa għal emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali;
- (b) attivitajiet strettament meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport dirett jew indirett ta' gass naturali, titanju, aluminju, ram, nikil, palladju jew mineral tal-ħadid minn jew li jgħaddi mir-Russja lejn l-Unjoni, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera, jew il-Balkani tal-Punent;
- (c) sakemm mhux projbiti skont l-Artikolu 3m jew 3n, attivitajiet li huma strettament meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport dirett jew indirett ta' żejt, inklużi prodotti petrolifiċi raffinati, mir-Russja jew minn ġo fiha.
- (d) attivitajiet meħtieġa għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' żejt mhux maħdum li jinġarr bil-baħar u ta' prodotti tal-petroleum elenkati fl-Anness XXV meta daww l-oġġetti joriġinaw f'pajjiż terz u jkunu biss qed jitgħabbew fir-Russja, jitilqu minnha jew jgħaddu minnha, dment li kemm l-oriġini kif ukoll is-sid ta' daww l-oġġetti ma jkunux Russi.

6. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 3 u, fejn applikabbli mod ieħor, paragrafu 4, m'għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-25 ta' Jannar 2026 ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' Ottubru 2025, jew ta' kuntratti aċċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

7. B'deroga mill-paragrafi 1sa 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, b'tali kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, attivitajiet li huma strettament meħtieġa għal:

- (a) skopijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet;

- (b) riċerka, żvilupp jew manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi, agrikoli jew tal-ikel, inkluż il-qamħ u fertilizzanti li l-importazzjoni, ix-xiri u t-trasport tagħhom huwa permess skont dan ir-Regolament;
- (c) l-iżgurar tal-aċċess għal proċedimenti ta' arbitraġġ ġudizzjarji, amministrattivi jew kummerċjali fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, jekk tali tranżazzjonijiet ikunu konsistenti mal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament u dawk tar-Regolament (UE) Nru 269/2014;
- (d) iċ-ċessjoni u l-irtirar mir-Russja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja;
- (e) il-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-Unjoni meħtieġa għall-operat, il-manutenzjoni u s-sigurtà, inkluża ċ-ċibersigurtà, ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, fir-Russja, fl-Ukrajna, fl-Unjoni, bejn ir-Russja u l-Unjoni, u bejn l-Ukrajna u l-Unjoni, u għal servizzi ta' ċentri tad-data fl-Unjoni.”;

(11) l-Artikolu 5b huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, dirett jew indirett, tas-servizzi li ġejjin lil ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja:

- (a) servizzi tal-kriptoassi, kif definiti fir-Regolament (UE) 2023/1114;
- (b) il-ħruġ ta' strumenti ta' pagament, l-akkwist ta' tranżazzjonijiet ta' pagament, jew servizzi ta' bidu ta' pagament, kif definit fid-Direttiva (UE) 2015/2366;
- (c) il-ħruġ ta' flus elettroniċi, kif definit fid-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/110/oj>);

- (b) il-paragrafu 2a huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“2a. Għandu jkun ipprojbit, mit-18 ta' Jannar 2024, li ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja direttament jew indirettament jippossjedu jew jikkontrollaw, jew ikollhom kwalunkwe kariga fil-korp ta' tmexxija ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huwa inkorporat jew kostitwit skont il-liġi ta' Stat Membru u li jkun qed jipprovdi servizzi ta' kartieri tal-kriptoassi, kontijiet jew servizzi ta' kustodja.”;

(12) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 5ba

Għandu jkun ipprojbit l-involviment, direttament jew indirettament, fi kwalunkwe tranżazzjoni li tinvolvi l-kriptoassi elenkati fl-Anness LIII.”;

(13) l-Artikolu 5c huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. B'deroga mill-Artikoli 5b(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw li jiġi aċċettat tali depożitu jew il-forniment ta' tali servizz, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu jew il-forniment ta' tali servizz huwa.”;

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“1a. Il-projbizzjoni fl-Artikolu 5b(2), il-punti (b) u (c), ma għandhiex tapplika għall-forniment ta' kredenzjali personalizzati ta' sigurtà meħtieġa għall-aċċess ta' kont ma' istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni tal-flus elettroniċi stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness VIII.

1b. B'deroga mill-Artikolu 5b(2), il-punti (b) u (c), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta' tali servizz, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għall-użu esklużiv ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati biss jew b'mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru jew pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness VIII.”;

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (c), (e), (f) jew (g), jew skont il-paragrafu 1a fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.”;

(14) fl-Artikolu 5d, il-kliem introdutturju tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. B'deroga mill-Artikoli 5b(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw li jiġi aċċettat tali depożitu jew il-forniment ta' tali servizz, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu jew il-forniment ta' tali servizz huwa.”;

(15) fl-Artikolu 5h, il-punti li ġejjin jiżdiedu mal-paragrafu 1a:

“(c) meħtieġa għall-esportazzjoni, ix-xiri, il-provvista, it-trasferiment jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi jew agrikoli u tal-ikel, inkluż qamħ u fertilizzanti li l-esportazzjoni, ix-xiri, il-provvista, it-trasferiment jew it-trasport tagħhom lejn ir-Russja huma permessi skont dan ir-Regolament;

(d) strettament meħtieġa biex jiżguraw aċċess għal proċedimenti ta' arbitraġġ ġudizzjarji, amministrattivi jew kummerċjali fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali tranżazzjonijiet ikunu konsistenti mal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament u dawk tar-Regolament (UE) Nru 269/2014;

(e) meħtieġa għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inklużi provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet;

(f) meħtieġa għall-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmin fil-Parti A tal-Anness XIX, li jirċievu pagamenti dovuti skont kuntratti li jkunu saru qabel il-15 ta' Mejju 2022;

(g) meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 6b (5j) tar-Regolament (UE) Nru 269/2014;

(h) meħtieġa għall-programmi ta' responsabbiltà storika tal-Istati Membri jew għall-appoġġ tal-minoranzi etniċi tal-Istati Membri fir-Russja.”;

(16) fl-Artikolu 5k(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) persuna ġuridika, entità jew korp li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu; jew”;

(17) l-Artikolu 5n huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 5n

1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, direttament jew indirettament, tas-servizzi li ġejjin lill-Gvern tar-Russja jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja:

- (a) servizzi ta' pariri legali;
- (b) kontabilità, awditjar, inkluż awditjar statutorju, żamma tal-kotba, konsulenza dwar it-taxxa u konsulenza dwar in-negozju u l-ġestjoni, jew servizzi ta' relazzjonijiet pubbliċi;
- (c) servizzi ta' kostruzzjoni, arkitettura, inġinerija, inġinerija integrata, ippjanar urban, konsulenza xjentifika u teknika relatata mal-inġinerija jew servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi;
- (d) servizzi ta' reklamar, ta' riċerka fis-suq jew ta' sħarriġ tal-opinjoni pubblika;
- (e) servizzi ta' konsulenza tal-IT;
- (f) servizzi kummerċjali bbażati fl-ispazju li jikkonsistu f'osservazzjoni tad-Dinja jew navigazzjoni bis-satellita;
- (g) servizzi ta' intelliġenza artifiċjali li jikkonsistu f'aċċess għal mudelli jew għal pjattaformi għat-taħriġ, l-irfinar u l-inferenza tagħhom;
- (h) computing ta' prestazzjoni għolja, inkluż l-aċċess għall-computing aċċellerat tal-unità tal-ipproċessar grafiku, jew għas-servizzi tal-computing kwantistiku.

2. Għandu jkun ipprojbit li jiġu pprovduti servizzi direttament relatati ma' attivitajiet turistiċi fir-Russja.

3. Għandhom ikunu pprojbiti l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew l-għoti, direttament jew indirettament, ta' software għall-ġestjoni tal-intrapriżi, software għad-disinn u l-manifattura industrijali u software b'ċerti użi fis-settur bankarju u finanzjarju, kif elenkat fl-Anness XXXIX lill-Gvern tar-Russja jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.

3a. Għandu jkun ipprojbit:

- (a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mas-servizzi u s-software msemmija fil-paragrafi 1 u 3, direttament jew indirettament, lill-Gvern tar-Russja jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja;
- (b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mas-servizzi u s-software msemmija fil-paragrafi 1 u 3, jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament, lill-Gvern tar-Russja jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja;
- (c) il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew is-sigriet kummerċjali kif ukoll l-għoti drittijiet għall-aċċess jew għall-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigriet kummerċjali relatati mas-software msemmi fil-paragrafu 3 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dak is-software, direttament jew indirettament lill-Gvern tar-Russja jew lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja.

4. Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel għall-forniment, direttament jew indirettament, ta' kwalunkwe servizz mhux kopert mill-paragrafi 1 jew 2, lill-Gvern tar-Russja. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, abbażi ta' valutazzjoni speċifika u każ b'każ, il-forniment ta' tali servizzi, b'tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa konsistenti mal-oġettivi ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

5. Il-paragrafu 1, il-punti (a) u (b) ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi li huma strettament meħtieġa għall-eżerċizzju tad-dritt tad-difiża fi proċedimenti ġudizzjarji u d-dritt għal rimedju legali effettiv.

6. Il-paragrafu 1, il-punti (a) u (b) ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi li huma strettament neċessarji biex jiżguraw aċċess għal proċedimenti ta' arbitraġġ ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali forniment ta' servizzi jkun konsistenti mal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament u dawk tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

8. Il-paragrafu 1, il-punti (c) u (f), u l-paragrafu 3 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, jew l-għoti ta' servizzi jew software neċessarji għal emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.

8a. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-provvista ta' servizzi, minn ċittadini ta' Stat Membru li huma residenti tar-Russja u li kienu hekk qabel l-24 ta' Frar 2022, lill-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punt (h) tal-paragrafu 10, li jkunu l-impjegaturi tagħhom, dment li dawn is-servizzi jkunu intenzjonati għall-użu esklużiv ta' dawk il-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi.

8b. Il-paragrafu 1, il-punti (f), (g) u (h) għandhom japplikaw mill-25 ta' Novembru 2025.

8c. Il-paragrafi 2 u 4 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sal-1 ta' Jannar 2026 ta' kuntratti konklużi qabel l-24 ta' Ottubru 2025, jew kuntratti aċċellari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt.

9a. B'deroga mill-paragrafu 1, punti (a) u (b), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta' servizzi msemmijin fihom, b'tali kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li tali servizzi huma strettament meħtieġa għall-istabbiliment, iċ-ċertifikazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' miżura ta' firewall li:

(a) ineħħi l-kontroll minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014, fuq l-assi ta' persuna ġuridika, entità jew korp mhux elenkat, inkorporat jew kostitwit skont id-dritt ta' Stat Membru, li jkunu s-sjieda ta', jew ikkontrollati minn, din tal-ewwel; u

(b) jiżgura li l-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ulterjuri ma jakkumulaw għall-benefiċċju tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp elenkati.

9b. B'deroga mill-paragrafu 1, punti (g) u (h), u mill-paragrafu 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-provvista ta' servizzi u software imsemmija fihom, taħt il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li tali servizzi jew software huma strettament neċessarji għall-kontribuzzjoni taċ-ċittadini Russi għal proġetti internazzjonali b'sors miftuħ.

9c. B'deroga mill-paragrafu 1, punti (a), (c) u (e), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment tas-servizzi msemmija fih, taħt tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li tali servizzi huma strettament meħtieġa għall-funzjonament ta' rappreżentanza konsulari jew diplomatika tal-Federazzjoni Russa li tinsab fi Stat Membru.

9d. B'deroga mill-paragrafu 1, punt (f), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta' servizzi msemmijin fihom, b'tali kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li tali servizzi huma meħtieġa għall-kooperazzjoni intergovernattiva fi programmi tal-ispazju.

10. B'deroga mill-paragrafi 1, 3 u 3a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, l-esportazzjoni jew l-għoti tas-servizzi u software imsemmija fih, b'tali kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li jagħmlu dan huwa neċessarju għal:

(a) skopijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet;

(b) attivitajiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-istat tad-dritt fir-Russja;

- (c) il-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew pajjiż sħab fir-Russja, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali;
- (d) l-iżgurar tal-provvista kritika tal-enerġija fl-Unjoni u x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni tat-titanju, l-aluminju, ir-ram, in-nikel, il-palladju jew l-mineral tal-ħadid;
- (e) l-iżgurar tat-tħaddim kontinwu ta' infrastruttura, hardware jew software li huwa kritiku għas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem, jew għas-sikurezza tal-ambjent;
- (f) l-istabbiliment, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-forniment u t-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-konstruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, il-forniment ta' materjal prekursor għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;
- (g) il-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-Unjoni meħtieġa għall-operat, il-manutenzjoni u s-sigurtà, inkluża ċ-ċibersigurtà, ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, fir-Russja, fl-Ukrajna, fl-Unjoni, bejn ir-Russja u l-Unjoni, u bejn l-Ukrajna u l-Unjoni, u għal servizzi ta' ċentri tad-data fl-Unjoni;
- (h) l-użu esklużiv ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja li huma proprjetà ta', jew ikkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru jew pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness VIII.

10a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 3 ma' għandhiex tapplika għall-forniment ta' software b'ċerti użi fis-settur bankarju u finanzjarju kif elenkat fl-Anness XXXIX li huwa meħtieġ għall-eżekuzzjoni sat-30 ta' Settembru 2025 ta' kuntratti konklużi qabel it-20 ta' Lulju 2025, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

11. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont il-paragrafi 4, 9a, 9b, 9c, 9d, jew 10 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.”;

(18) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 5u

Għandu jkun ipprobit, matul il-ħames snin wara l-bejgħ jew kwalunkwe forma ta' arranġamenti ta' kiri ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li kienu operati, direttament jew indirettament, mill-Gvern tar-Russja jew minn persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja, li jbigħu, jipprovdur, jissottoskrivu jew b'xi mod ieħor jidħlu fi kwalunkwe kuntratt jew arranġament li jirriżulta fit-trasferiment ta' riskji minn, jew iċ-ċediment tal-iskopertura għal riskji assoċjati mal-kopertura tal-assigurazzjoni għal tali bastimenti jew inġenji tal-ajru.”;

(19) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

“Artikolu 5v

1. Ċittadini Russi, li huma membri tal-persunal diplomatiku jew konsulari tar-Russja, jew membri tal-persunal amministrattiv u tekniku jew tal-persunal tas-servizz ta' missjonijiet diplomatiċi jew uffiċċji konsulari tar-Russja, jew il-membri tal-familja tagħhom, detenturi ta' permess ta' residenza validu, inkluż karti tal-identità diplomatiċi, jew viża valida maħruġa minn Stat ieħor, li biħsiebhom jivvjaġġaw lejn it-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru jew jgħaddu minnu, abbażi ta' dak il-permess ta' residenza jew viża, għandhom jinnotifikaw lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri kkonċernati mill-ivvjaġġar tagħhom mill-inqas 24 siegħa qabel id-data maħsuba tad-dħul fit-territorju tagħhom.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal minorenni jew membri tal-familja li mhumiex parti mill-unità domestika ta' membri tal-missjoni diplomatika jew post konsulari.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-ivvjaġġar lejn it-territorju tal-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew il-viża, jew għat-tranżitu minnu.

4. In-notifika fil-paragrafu 1 għandha tinkludi:

- (a) il-mezz tat-trasport; għall-vetturi privati, inkluż dawk li huma proprjetà ta' missjoni diplomatika jew post konsulari jew impjegat tagħhom, din għandha tinkludi l-għamla, it-tip u n-numru tal-pjanċa tal-liċenzja; għat-trasport pubbliku, din għandha tinkludi l-isem tat-trasportatur u l-kodiċi tar-rotta jew l-ekwivalenti;
- (b) il-punt tad-dħul fit-territorju;
- (c) id-data tad-dħul fit-territorju;
- (d) il-punt tal-ħruġ mit-territorju;
- (e) id-data tal-ħruġ mit-territorju.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kunsill bi kwalunkwe każ ta' ksur tal-obbligu fil-paragrafu 1.

6. Dan l-Artikolu għandu japplika mill-25 ta' Jannar 2026.

Artikolu 5w

1. Stat Membru jista' jimponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni fuq l-ivvjaġġar lejn it-territorju tiegħu, jew it-tranżitu minnu, ta' ċittadini Russi li huma membri tal-persunal diplomatiku jew konsulari tar-Russja, jew membri tal-persunal amministrattiv u tekniku jew tal-persunal tas-servizz ta' missjonijiet diplomatiċi jew postijiet konsulari tar-Russja, jew il-membri tal-familja tagħhom, detenturi ta' permess ta' residenza validu, inkluż karti tal-identità diplomatiċi, jew viża valida maħruġa minn Stat ieħor, abbażi ta' dak il-permess ta' residenza jew viża.

2. Il-miżuri nazzjonali adottati abbażi tal-paragrafu 1:

- (a) għandhom ikunu konformi mal-obbligi tal-liġi internazzjonali ta' Stat Membru fir-rigward taċ-ċittadini tiegħu stess;
- (b) ma għandhomx japplikaw għal minorenni jew membri tal-familja li mhumiex parti mill-unità domestika ta' membri tal-missjoni diplomatika jew post konsulari;
- (c) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' persuna fiżika f'konformità mal-liġi internazzjonali, waqt li tkun qed tipproċedi biex tibda jew tirritorna għall-kariga tagħha, jew meta tkun qed tirritorna lejn pajjiżha stess;
- (d) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn Stat Membru jkun marbut minn obbligu ta' liġi internazzjonali, jiġifieri:
 - (i) bħala pajjiż ospitanti għal organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;
 - (ii) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali jew proċediment imsejħa min-Nazzjonijiet Uniti (NU) jew taħt l-awspiċji tagħha;
 - (iii) skont ftehim multilaterali li jagħti privileġġi u immunitajiet; jew
 - (iv) skont it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt Lateran) konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja;
 - (v) bħala pajjiż ospitanti għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE); u
- (e) ma għandhomx japplikaw għall-ivvjaġġar lejn u minn, jew it-tranżitu mit-territorji tal-Istati Membri ta' persuni fiżiċi li huma membri tal-korp diplomatiku tar-Russja, għall-finijiet tal-parteċipazzjoni f'konferenza internazzjonali msejħa minn, jew organizzata taħt l-awspiċji tal-Unjoni Ewropea, in-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħha, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi jew l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana.

3. Stat Membru li jiddeċiedi li jadotta miżuri nazzjonali skont il-paragrafu 1 għandu jinforma lill-Kunsill, mill-inqas ħamest ijiem qabel id-dħul fis-seħħ ta' tali miżuri.

4. Dan l-Artikolu għandu japplika mill-25 ta' Jannar 2026.”;

(20) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti, abbażi ta' valutazzjoni speċifika u skont il-każ, jistgħu jawtorizzaw, sal-31 ta' Diċembru 2026, l-issodisfar ta' pretensjoni magħmula minn waħda mill-persuni, l-entitajiet u l-korpi indikati fil-punt (b) paragrafu 1, skont tali kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li l-issodisfar tal-pretensjoni jkun strettament meħtieġ għad-diżinvestiment mir-Russja jew għall-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja.”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 4 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.”;

(21) l-Artikolu 12b huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. B'deroga mill-Artikoli 2, 2a, 3, 3b, 3c, 3f, 3h u 3k, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġiji elenkati fl-Annessi II, VII, X, XI, XVI, XVIII, XX u XXIII ta' dan ir-Regolament u fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, kif ukoll il-bejgħ, il-liċenzjar jew it-trasferiment bi kwalunkwe mod ieħor ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali, kif ukoll l-għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew li jikkostitwixxu sigrieti kummerċjali, relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija hawn fuq sal-31 ta' Diċembru 2026, fejn tali bejgħ, forniment jew trasferiment, liċenzjar, għoti ta' drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ikun strettament neċessarju għad-diżinvestiment mir-Russja jew għall-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin.”;

(b) il-paragrafu 1a huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1a. B'deroga mill-Artikoli 2, 2a, 3 u 3k, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġiji elenkati fl-Annessi II, VII u XXIII sal-31 ta' Diċembru 2026, fejn tali bejgħ, forniment, trasferiment jew forniment, ikun strettament meħtieġ għall-iżvestiment minn impriża konġunta inkorporata jew kostitwita skont il-liġi ta' Stat Membru qabel l-24 ta' Frar 2022, li tinvolvi persuna ġuridika, entità jew korp Russu, u li topera infrastruttura ta' pipeline tal-gass bejn ir-Russja u pajjiżi terzi, jew l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' tali oġġetti u teknoloġiji strettament meħtieġa għat-tħaddim, il-manutenzjoni essenzjali, it-tiswija jew is-sostituzzjoni ta' komponenti ta' tali pipeline u infrastruttura assoċjata strumentali għall-iżvestiment imsemmi hawn fuq.”;

(c) fil-paragrafu 2, il-formulazzjoni introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

“2. B'deroga mill-Artikoli 3g u 3i, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' oġġetti elenkati fl-Annessi XVII u XXI sal-31 ta' Diċembru 2026, fejn tali importazzjoni jew trasferiment ikun strettament neċessarju għad-diżinvestiment mir-Russja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin.”;

(d) fil-paragrafu 2a, il-formulazzjoni introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

“2a. B'deroga mill-Artikolu 5n, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-kontinwazzjoni tal-għoti ta' servizzi elenkati fih sal-31 ta' Diċembru 2026 meta tali għoti ta' servizzi jkun strettament neċessarju għad-diżinvestiment mir-Russja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fir-Russja, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin.”;

(e) jitħassar il-paragrafu 2b;

- (22) l-Anness IV huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (23) l-Anness VII huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (24) l-Anness VIII huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament;
- (25) l-Anness XIV huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;
- (26) l-Anness XVIII huwa emendat f'konformità mal-Anness V ta' dan ir-Regolament;
- (27) l-Anness XIX huwa emendat f'konformità mal-Anness VI ta' dan ir-Regolament;
- (28) l-Anness XXI huwa emendat f'konformità mal-Anness VII ta' dan ir-Regolament;
- (29) l-Anness XXIII huwa emendat f'konformità mal-Anness VIII ta' dan ir-Regolament;
- (30) jiżdied l-Anness XXIIIG f'konformità mal-Anness IX ta' dan ir-Regolament;
- (31) l-Anness XXXIX huwa emendat f'konformità mal-Anness X ta' dan ir-Regolament;
- (32) l-Anness XL huwa emendat f'konformità mal-Anness XI ta' dan ir-Regolament;
- (33) l-Anness XLII huwa emendat f'konformità mal-Anness XII ta' dan ir-Regolament;
- (34) l-Anness XLIV huwa emendat f'konformità mal-Anness XIII ta' dan ir-Regolament;
- (35) l-Anness XLV huwa emendat f'konformità mal-Anness XIV ta' dan ir-Regolament;
- (36) l-Anness XLVII huwa emendat f'konformità mal-Anness XV ta' dan ir-Regolament;
- (37) l-Anness LI huwa emendat f'konformità mal-Anness XVI ta' dan ir-Regolament;
- (38) jiżdied l-Anness LII f'konformità mal-Anness XVII ta' dan ir-Regolament.
- (39) jiżdied l-Anness LIII f'konformità mal-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament;
- (40) jitħassar l-Anness XXIIID.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament ikun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BJERRE

ANNEX I

Fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jiżdiedu l-entitajiet li ġejjin:

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-ejenkar
“817.	Splendent Technologies Magħrufa wkoll bħala: Spoden Technology Co., Ltd Isem Lokali: 斯博登科技有限公司	Indirizz(i): Workshop 60, 3/F, Block A, East Sun Industrial Centre, No. 16 Shing Yip Street, Kowloon, Hong Kong; Sun Ho House, 279 Saiyeung Choi St., North Sham Shui Po Kl, Hong Kong Telefown: +852 9713 6364 Sit web: www.splendentpte.com Email: sale@splendentpte.com Numru tar-reġistrazzjoni: 1773641 (TRN); 60093029 (BRN)	24.10.2025
818.	LLC Microdrive Magħrufa wkoll bħala: MikroDraiv Isem lokali: ООО Микродрайв	Indirizz(i): office 26, 35 Lenin Avenue, 617001, Nyтва, Nytvenski district, Perm Region, Russian Federation Telefown: +7 342 2111506 Sit web: www.micro-drive.ru Email: to@microdrive.planfix.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 5916024827	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
819.	Bridgetech LLC Isem Lokali: Бриджтех	Indirizz(i): room 535, building 3, 32 Nizhegorodskaya St., 109029, Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 245 5514 Sit web: https://bridge-tech.ru/ Email: info@bridge-tech.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 9709102680	24.10.2025
820.	Jove HK Limited	Indirizz(i): Room 606, 6/F, Hollywood Centre, 77-91 Queen's Road West, Sheung Wan, Hong Kong; 3/F Won Chung Ming Commercial House, 14-16 Wyndham Street, Central, Hong Kong; 68-70 Wellington Street, 3/F, Hong Kong Numru tar-reġistrazzjoni: 58538021 (BRN); 1618862 (CRN)	24.10.2025
821.	China Purchasing Group (Chbay) Lingtong International Supply Chain Management Company Limited Maghrufa wkoll bhala: Qibei Lingtong (Wuhu) Supply Chain Management Co., Ltd Isem lokali: 企贝领通（芜湖）供应链管理有限公司	Indirizz(i): 178 Hongqi Street, Nangang District, Harbin City, Heilongjiang, People's Republic of China Telefown: 0451-82292577 Sit web: https://www.chbay.net/ Email: guanxin@chbay.net Numru tar-registrazzjoni: 91340200MA8QP9X225	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
822.	LiderTrans Global Forwarding Magħrufa wkoll bħala: LT Global Forwarding; Lt-GF Isem lokali: ООО ЛТ ГЛОБАЛ ФОРВАРДИНГ	Indirizz(i): 1059, 50 Chulman, Naberezhnye Chelny, 423831, city of Naberezhnye Chelny, Tatarstan Republic, Russian Federation; office 108, Naberezhnye Chelny city, 50 Hasana Tufana St., Republic of Tatarstan, Russian Federation Telefown: +7 987 4064667; +7 800 7074733 Sit web: http://www.lt-gf.com/ Email: sales@lt-gf.com Numru tar-registrazzjoni: 7729703685	24.10.2025
823.	Heilongjiang Karubis Trade Development Co., Ltd Magħrufa wkoll bħala: Heilongjiang Kalubus Trade Development Co., Ltd; Heilongjiang Province Kalubusi Trade Development Co., Ltd Isem lokali: 黑龙江省卡鲁布斯贸易发展有限公司	Indirizz(i): Room 509, Building 19, 178 Hongqi Street, Nangang Concentration Zone, Harbin High-tech Industrial Development Zone, People's Republic of China Numru tar-registrazzjoni: 91230109MAC3Q2RY9T	24.10.2025
824.	Yiwu Vortex Import and Export Co., Ltd Magħrufa wkoll bħala: Yiwu Wotai Si Import and Export Co., Ltd Isem lokali: 義烏市沃態僊進出口有限公司	Indirizz(i): Unit 1503, Office 62, Level 15, Admiralty Centre Tower 1, 18 Harcourt Road, Admiralty, Hong Kong Sit web: https://yiwu-vortex.com/ Email: info@yiwu-vortex.com Numru tar-registrazzjoni: 70939081 (BRN)	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
825.	KR Prom LLC Isem lokali: ООО КР ПРОМ	Indirizz(i): building 5, Entuziastov Highway, 111024, Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 7812208 Sit web: https://krprom.ru/ Email: info@krprom.ru ; msk@krprom.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7722216040	24.10.2025
826.	OKBM LLC Maghrufa wkoll bhala: LLC Experimental Design Bureau of Engine Building; LLC EDB; LLC Experimental Motor Design Bureau Isem lokali: ООО ОКБМ	Indirizz(i): Aidarovskoye rural settlement, Promyshlennaya Street, Zone 2, plot No. 4, Voronezh region, Russian Federation; 22 Voroshilova St., 394055, Voronezh, Russian Federation Telefown: +7 473 2638603 Sit web: www.okbm.ru Email: okbm@okbm.ru Numru tar-registrazzjoni: 3664204783	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
827.	Zhejiang Zhenhuan CNC Machine Tool Co., Ltd Maghrufa wkoll bhala: Z-Mat Isem lokali: 浙江震环数控机床股份有限公司; 震环机床集团	Indirizz(i): Mechanical and Electrical Zone, Yuhuan, Taizhou Zhejiang 317699, People's Republic of China Telefown: +8657687211555; +86 576 87226292 Sit web: cn.zmat.com Email: info@zmat.com Numru tar-registrazzjoni: 91331000725858856D	24.10.2025
828.	LLC Bitvan Isem lokali: ООО БИТВАН	Indirizz(i): 9/4, Troitskiy Trakt, 454053, Chelyabinsk Mekhanicheskaya St., 115V, Russian Federation Telefown: +7 351 7785260 Sit web: https://www.bitvan.ru/ Email: info@bitvan.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7451298738	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
829.	Conti-Far Logistics Co. Ltd. Magħrufa wkoll bħala: Kangze Yuan International Logistics (Hong Kong) Co., Ltd Isem lokali: 康澤遠國際物流(香港)有限公司	Indirizz(i): room S032, 2/F, The Capital 61-65 Chatham Road South, Tsim Sha Tsui, Kowloon, Hong Kong; room 2102, Block D, Sui Bao Yipin, No. 1058 Shangbu North Road, Futian District, Shenzhen, People's Republic of China Telefown: +86-755-89379122; +86-755-89379056 Sit web: http://www.contifar.com/ Email: info@contifar.com Numru tar-registrazzjoni: 64528844	24.10.2025
830.	LLC Mikrosan Isem lokali: ООО Микросан	Indirizz(i): room 433, 54 Krasnyi Avenue, Novosibirsk, 630091, Russian Federation Telefown: +7 800 6002250; +7 383 2170531 Sit web: https://microsun.ru/ Email: sibmail@microsun.ru ; marketing@microsun.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 5407216683	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
831.	LLC TR-Link Magħrufa wkoll bħala: TP-Link LCC Isem lokali: ООО ТР-Линк	Indirizz(i): office 501, 27 Street Elektrozavodska, 7, 107023, Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 2285566 Sit web: www.tp-link.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7718782082	24.10.2025
832.	Radiofid Systems LLC Isem lokali: ООО Радиофид Системы	Indirizz(i): Room 66-N, Building 1 A, 17 shosse Vyborgskoe, St. Petersburg 194355, Russian Federation Telefown: +7 812 3181819 Sit web: www.radiofid.ru Email: sales@radiofid.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7802491148	24.10.2025
833.	Alice Components Co. Ltd Magħrufa wkoll bħala: Alice Parts Co. Ltd Isem lokali: 愛麗絲零部件有限公司	Indirizz(i): Room A516, 5th Floor, Yee Fat Industrial Building, No. 35 Tai Yau Street, San Po Kong, Kowloon, Hong Kong; Flat/Room A, 20/F Kui Fu Commercial Building, 300 Lockhart Road, Hong Kong; Office 517, 90 Central Tangxia ave., Dongguan, Guangdong, China Telefown: +86 (769) 8987 0508 Sit web: https://2303.com.cn/ Email: sales@2303.com.cn Numru tar-reġistrazzjoni: 65627867 (BRN), 2323950 (CRN)	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
834.	MikroEM AO Magħrufa wkoll bħala: AO Mikroem, JSC Microem Isem lokali: АО 'МИКРОЭМ'	Indirizz(i): 124482, Moscow, Zelenograd, Savelkinsky avenue, 4, Russian Federation; 191040 St. Petersburg, Ligovskii Prospekt 50, building 11, office 39, Russian Federation; 124489, Moscow, Zelenograd, Sosnovaya Alleya 6A, Russian Federation; 630047, Novosibirsk, Novaya 28, office 305, Russian Federation; 620034, Yekaterinburg, Opalikhinskaya street 27A, office 405, Russian Federation; 344045, Rostov-on-Don, Lelyushenko street 13, office 1, Russian Federation Telefown: +7 (495) 739 65 39 Sit web: https://microem.ru/ Email: microem@microem.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7735082700	24.10.2025
835.	TsNIRTI Magħrufa wkoll bħala: Central Research Radio Engineering Institute Named After Academician A I Berg; Central Scientific Research Radio Engineering Institute Berg; CNIRTI Isem lokali: Организация АО 'ЦНИРТИ ИМ. АКАДЕМИКА А.И. БЕРГА' (АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО 'ЦЕНТРАЛЬНЫЙ НАУЧНО-ИССЛЕДОВАТЕЛЬСКИЙ РАДИОТЕХНИЧЕСКИЙ ИНСТИТУТ ИМЕНИ АКАДЕМИКА А.И. БЕРГА')	Indirizz(i): bldg. 9, 20 Novaya Basmannaya St., 107078, Moscow, Russian Federation Telefown: +7 (499) 267-43-93, +7 (499) 263-94-01 Sit web: http://cnirti.ru Email: post@cnirti.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 9701039940	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-ejenkar
836.	Setuntel LLC Magħrufa wkoll bħala: Foxcomm Networks; Setun Telekom Isem lokali: ООО СЕТУНТЕЛ (ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ 'СЕТУНЬ ТЕЛЕКОМ')	Indirizz(i): 121069, Moscow, Bagrationovsky avenue 7, room 20, office 747, Russian Federation Telefown: +7(499) 677-22-95 Sit web: http://www.setuntel.ru Email: info@setuntel.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7730246560	24.10.2025
837.	TD Simmetron Elektronnye Komponenty Magħrufa wkoll bħala: TD Simmetron EK, Trading House Symmetron Electronic Components Isem lokali: ООО ТД СИММЕТРОН ЭК; ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ 'ТОРГОВЫЙ ДОМ "СИММЕТРОН ЭЛЕКТРОННЫЕ КОМПОНЕНТЫ"'	Indirizz(i): 125445, Moscow, Leningradskoye shosse, 69, build. 1, River City Business Park, Russian Federation; 630073, Novosibirsk, Bluchera ul., 71b, Russian Federation Telefown: +7 (495) 961-2020 Sit web: https://symmetrongroup.com/ ; https://www.symmetron.ru Email: moscow@symmetron.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7743581260	24.10.2025
838.	Vector Group LLC Magħrufa wkoll bħala: VEKTOR GRUPP Isem lokali: ООО Вектор Групп	Indirizz(i): 123100, Moscow, Presnensky Municipal District, 3 Studenetsky Per. 1/7A, Russian Federation Numru tar-registrazzjoni: 7703438390	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
839.	PRIN JSC Isem lokali: АО ПРИН	Indirizz(i): 123592, Moscow, ext. Ter. Strogino Municipal District, Kulakova street, 20, building 1, Room 8/1, Russian Federation; 125080, Moscow, Volokolamskoye Highway, 4, Building 26, Russian Federation Telefown: +7 495-120-13-59 Sit web: https://www.prin.ru/ ; https://prinmarket.ru/ E-mail: info@prin.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7712032661	24.10.2025
840.	GNSS Plus LLC Magħrufa wkoll bħala: NPK GNSS Plus LTD Isem lokali: ГНСС ПЛЮС	Indirizz(i): 121354, Moscow, Dorogobuzhskaya street 14, building 6, Russian Federation; 123298, Moscow, Shchukino municipal district, Narodnogo Opolcheniya Street, 38, building 1, Russian Federation Telefown: +7 (495) 109-75-45 Sit web: www.gnssplus.ru E-mail: info@gnssplus.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7734571794	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
841.	KMT LLC Isem lokali: ООО КМТ (ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ 'КМТ')	Indirizz: 107023, Moscow, Sokolinaya Gora municipal district, Bolshaya Semyonovskaya Street. 40, building 13, room 203, Russian Federation Telefown: +7 (495) 137-55-56 Sit web: https://kmt-stanki.ru/ E-mail: info@kmt-stanki.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 9719010156	24.10.2025
842.	LLC Mashimport Isem lokali: ООО МАШИМПОРТ	Indirizz: room 403, Building. 13, 40 Bolshaya Semnovskaya street, 107023, Moscow, Russian Federation Telefown: +74956633393 Sit web: https://mash-import.com/ E-mail: info@mash-import.com Numru tar-reġistrazzjoni: 7719717008	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
843.	Aerotruster Aviation Private Limited	Indirizz(i): Shop No 104, Ground Floor, Amberhai Village, Sector - 19, Dwarka, New Delhi, 110075 Delhi, India; Unit No. 301, Third Floor, Plot No.8, Krishna Tower, Section 12, N.S.I.T. Dwarka, South West Delhi, 110078 Delhi, India Telefown: +91 8076026602 Sit web: https://www.aerotrusteraviation.com/ Email: sales@aerotrusteraviation.com Numru tar-reġistrazzjoni: U74999DL2021PTC388965 (CIN)	24.10.2025
844.	Ascend Aviation India Private Limited	Indirizz(i): No. 334, Ground Floor, near Gurudwara, Village Shahbad Mohdpur, 11061 Delhi, India; Khasra No.606, Dalal Complex, Rangpuri, Mahipalpur, New Delhi, 110037, India Telefown: + 91-011-64706564; + 91- 9212336803 Sit web: www.ascendaviationindia.com Email: sales@ascendaviationindia.com Numru tar-reġistrazzjoni: U74999DL2017PTC315173 (CIN)	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
845.	Shree Enterprises	Indirizz(i): House NO 6B, Kh. No. 334, 4th Floor, Shahabad Mohammadpur Village New Delhi, South West Delhi, Delhi, 110061, India Telefown: +91-7011993953 Sit web: https://www.shreeenterprises.io/index.php Email: sales@shreeenterprises.io Numru tar-reġistrazzjoni: EACPA3965E (IEC); EACPA3965E (PAN)	24.10.2025
846.	EuroIndustry LLC Magħrufa wkoll bħala: Euroindustria LLC Isem lokali: ООО 'ЕвроИндустрия'	Indirizz(i): Office 16P, Lit. B, House 25 N, Mokhovaya Street 31, 191028, St. Petersburg, Russian Federation Telefown: +7 8122707515 Email: info@ei.spb.ru Sit web: https://ei.spb.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 7839133117 (INN)	24.10.2025
847.	Hong Kong Park On Electronics Technology Isem lokali: 香港德容电子科技有限公司	Indirizz(i): Workshop 57, 3 rd Floor, Block A, East Sun Industrial Centre, No.16 Shing Yi Street, Kowloon, Hong Kong Numru tar-reġistrazzjoni: 53594054 (BRN); 1550569 (CRN)	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
848.	TECGR CO. ltd Isem lokali: บริษัท ทีอีซีจีอาร์ จำกัด	Indirizz(i): 305 Rama2, Soi 38 Bangmod, Jomthong, 10150, Bangkok, Thailand Sit web: www.tecgr.net Email: tecgrcoltd@gmail.com Numru tar-reġistrazzjoni: 0105565079224	24.10.2025
849.	JSC Krasnoarmeysk Scientific Research Institute of Mechanization Magħrufa wkoll bħala: JSC KNIIM Isem lokali: АО КНИИМ	Indirizz(i): 8 Ispytateley Avenue, Krasnoarmeysk, 141292, Moscow, Russian Federation Telefown: +7 (496) 523-57-66; +7 (496) 523-53-71 Email: info@kniim.ru Sit web: www.kniim.ru Numru tar-registrazzjoni: 5038087144	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
850.	Transit LLC Isem lokali: ООО Транзит	Indirizz: 36 Nekrasovskaya, Lit. B, 690014, Vladivostok, Russian Federation; 40 Krygina Str., Primorsky Krai, 690065, Vladivostok, Russian Federation Telefown: +7 423 279 5739 Email: info@transitllc.ru Sit web: www.transitllc.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 2540132492 (INN)	24.10.2025
851.	Soguzo Co. Ltd Isem lokali: บริษัท โซกูโซ จำกัด	Indirizz(i): No 305 Rama 2 Alley, 38 Alley, Bang Mot Sub-district, Chom Thong District, 10150 Bangkok, Thailand Sit web: soguzo.com Email: info@soguzo.com Numru tar-reġistrazzjoni: 0105565109824	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
852.	Suzhou Ecod Precision Manufacturing Co., Ltd Magħrufa wkoll bhala: Suzhou Yikeda Intelligent Technology Co., Ltd; Suzhou Yida Intelligent Technology Isem lokali: 苏州亿可达智能科技有限公司	Indirizz(i): Room 455, Building 2, No. 199-1, East Huayuan Road, Mudu Town, Wuzhong District, Suzhou, Jiangsu, People's Republic of China; Room 8219, Building 3, No. 151 Huashan Road, High-tech Zone, Suzhou, Jiangsu, People's Republic of China Telefown: +86 13776010404 Sit web: https://www.ecod-cncmachining.com/ ; http://ecod-cncmachining.com/ Email: dolphin@ecodcn.com Numru tar-registrazzjoni: 91320506MA27AR11XL	24.10.2025
853.	LLC Morgan Isem lokali: ООО Мопран	Indirizz(i): Room 42, ter. Oez Alabuga, 4A Str. Sh-2, m. district Yelabuzhsky, Yelabuga, 423601, Republic of Tatarstan, Russian Federation Numru tar-registrazzjoni: 1674009033	24.10.2025
854.	Shandong Xinyilu International Trade Co Magħrufa wkoll bhala.: Shandong Xinyi Road International Trade Co., Ltd Isem lokali: 山东新壹路国际贸易有限责任公司	Indirizz(i): Room 506, Building 6, Xinyuanxin Center, No. 3 Huaxin Road, 250100, Jinan, People's Republic of China Numru tar-registrazzjoni: 91370112MA3RNKQ371	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-ejenkar
855.	Sollers Alabuga LLC Isem lokali: ООО Соллерс Алабуга	Indirizz(i): Office 319, Building 1/6, Sh-2 Street (Alabuga Special Economic Zone territory), Yelabuga City, Yelabuga Municipal District, Republic of Tatarstan, 423601, Russian Federation Telefown: +7 855 5776800; +7 843 2051720 Sit web: www.sollers-auto.com Numru tar-registrazzjoni: 1674002165	24.10.2025
856.	Sollers Cargo LLC Isem lokali: ООО Соллерс Карго	Indirizz(i): Room 15, Building 9e, Moskovskoye Highway, Ulyanovsk, Ulyanovsk Region, 432045, Russian Federation Telefown: +8 800 600 83 22 Sit web: https://sollers-cargo.ru/ Numru tar-reġistrazzjoni: 7300012779	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
857.	PJSC Sollers Magħrufa wkoll bħala: Publichnoe Aktsionernoe Obschestvo Sollers Isem lokali: ПАО Соллерс	Indirizz(i): 10 Testovskaya Street, Northern Tower, Moscow International Business Centre, 123317 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 495 787 31 75; +7 495 228 3045 Sit web: www.sollers-auto.com Email: info@sollers-auto.com Numru tar-reġistrazzjoni: 3528079131	24.10.2025
858.	LLC Trading House Vector Isem lokali: ОБЩЕСТВО С ОГРАНИЧЕННОЙ ОТВЕТСТВЕННОСТЬЮ 'ТОРГОВЫЙ ДОМ "ВЕКТОР"	Indirizz(i): apt. 10, 2A Rossiyskaya street, 664025, Irkutsk, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 3808184570	24.10.2025
859.	Sequoia JSC Isem lokali: АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО 'СЕКВОЙЯ'	Indirizz(i): Room 1101, floor 3, workplace 5, Building 1, 42 Boulevard Bolshoy, Municipal District Mozhaisky, 121205, Moscow, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 9703014733	24.10.2025

Numru	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tal-elenkar
860.	Yiwu City Duniang Trading Co. Magħrufa wkoll bħala: Yiwu Du Niang Trading Company Isem lokali: 义乌市渡娘贸易商行	Indirizz(i): Office 401, Building 76, Zone One Zongtang, Dongzheng Street, Yiwu Town, Zhejiang Province, People's Republic of China; Room 301, Unit 1, Building 38, Jiang Dong Xin Cun, Yiwu, People's Republic of China Telefown: +86 579 85365092 Sit web: www.yiwu-international.com Email: 1449696080@qq.com Numru tar-registrazzjoni: 92330782MA2MLCCF7E	24.10.2025
861.	Unikom LLC Isem lokali: ООО УНИКОМ	Indirizz(i): Office 516, Room 21N, Lett. A, 9 Lipovaya Alley, 197183, St. Petersburg, Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 7814813801	24.10.2025".

ANNEX II

L-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, il-Kategorija I, it-taqsima X.A.I.001, tiżdied l-entrata li ġejja:

“q. Indutturi ta’ apparat immuntat fuq il-wiċċ (SMD).”;

(b) fil-Parti A, il-Kategorija VIII, it-taqsima X.A.VIII.023 hija sostitwita b’dan li ġej:

“X.A.VIII.023 Nettings, canopies, tined, kutri, u lbies (inkluż ilbies tattiku, xedd is-saqajn, flokkijiet ta’ taħt, sistemi ta’ ġarr, u aċċessorji relatati), iddisinjati apposta jew adatti għall-użu f’għied militari, operazzjonijiet fuq il-post, jew għal finijiet ta’ kamuflaġġ.”

(c) fil-Parti A, il-Kategorija VIII, it-taqsima X.C.VIII.005 tinbidel b’dan li ġej:

“X.C.VIII.005 Prekursuri u sustanzi kimiċi kostitwenti għall-propellanti, u aġenti awżiljarji relatati, kif ġej:

a. Diisoċjanat tat-toluwen, fi kwalunkwe forma isomerika (CAS 584-84-9, 91-08-7, 26471-62-5, 9002-68-2, 26628-22-8);

b. Diisoċjanat tad-Difenil tal-Metil (CAS 101-68-8);

c. Diisoċjanat tal-isoforon (CAS 4098-71-9);

d. Ksilidina fi kwalunkwe forma isomerika (CAS 87-59-2, 95-68-1, 95-78-3, 87-62-7, 95-63-6 jew 108-69-0);

e. Polieteru Terminat Idrossiku (HTPE);

f. Etere Kaprolattam Terminat tal-Idrossi (HTCE).

g. Triklorosilan tal-metil (CAS 75-79-6);

h. Aġenti awżiljarji kif ġej:

1. Aċidu etilendiamminetetraacetiku (EDTA) (CAS 60-00-4);

2. Melħ tad-disodju tal-EDTA (CAS 139-33-3 and CAS 6381-92-6); jew

3. Melħ tetrasodiku ta’ EDTA (CAS 64-02-8).

Nota Teknika: Dan il-prodott jirreferi għal sustanza pura u għal kwalunkwe taħlita li jkollha mill-inqas 50 % ta’ waħda mill-kimiki msemmija hawn fuq.”;

(d) fil-Parti A, il-Kategorija IX, tiddaħħal it-taqsima li ġejja:

“X.C.IX.016 Molibdenu u liġi, mhux ikkontrollati minn 1C117 ⁽¹⁾, li fihom aktar minn 90 % ta’ molibdenu skont il-piż.

Nota: Għall-għanijiet ta’ kontroll ta’ X.C.IX.016 l-istrumenti kirurġiċi jew mediċi huma esklużi.”;

⁽¹⁾ Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821.

- (e) fil-Part B, it-Tabella “3. Kameras fotografiki, sensuri u komponenti ottiċi”, hija sostitwita b’dan li ġej:

“3. Kameras fotografiki, sensuri u komponenti ottiċi

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8525 89	Kameras tat-televiżjoni, kameras diġitali u vidjokameras li jirrekordjaw oħrajn
8529 90	Parts oħrajn tajbin għal użu biss jew prinċipalment mal-apparat tal-intestaturi 8524 sa 8528
9006 30	Kameras maħsubin apposta għall-użu taħt l-ilma, għat-topometrija mill-ajru jew għall-eżaminazzjoni medika jew kirurġika tal-organi interni; kameras ta’ tqabbil għall-finijiet forensiċi jew kriminologiċi
9006 91	Parts u aċċessorji għall-kameras
9013 10	Miri teleskopiki biex jintramaw mal-armi; periskopji; teleskopji maħsubin biex ikunu parti minn magni, apparati, strumenti jew apparat ta’ dan il-kapitolu jew fit-Taqsima XVI
9013 80	Tagħmir, apparat u strumenti ottiċi oħrajn
9015 10 00	Telemetri
9025 19	Termometri u pirometri oħrajn, mhux imħalltin ma’ strumenti oħrajn
9032 10	Termostati

”;

- (f) fil-Parti B, it-tabella 6, “Materjali u prekursori enerġetiċi”, hija sostitwita b’dan li ġej:

“6. Materjali u prekursori enerġetiċi

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2804 50 10	Boron
2829 11 00	Klorati tas-sodju
2829 19 00	Klorati oħrajn
2829 90	Perklorati; bromati u perbromati; jodati u perjodati
3912 11 00	Aċetati tal-ċelluloża mhux plastiċizzati, fil-forom primarji
3912 12 00	Aċetati ta’ ċelluloża plastiċizzati, f’forom primarji
3912 39	Eteri ta’ ċelluloża, fil-forom primarji (minbarra karbossimetilċelluloża u l-imluħa tagħha)
4706 10	Polpi ta’ fibri ġejjin minn (skart u laqx tal-) karta jew kartun irkuprat jew ta’ materjal ċellulożiku fibruż ieħor: Polpa ta’ ħjut qosra (linters) tal-qoton
7603 10 00	Trabijiet ta’ struttura nonlamellari
7603 20 00	Trabijiet ta’ struttura lamellari; fjokki
8104 30 00	Frak tar-raspa tal-manjeżju, b’ċieġ li jaqgħu mit-torn u hħub, magħżulin skont il-qies; trabijiet

”;

(g) fil-Parti B, it-tabella 8, “Sustanzi kimiċi, metalli, liġi, komposti u materjali avvanzati oħra”, hija sostitwita b’dan li ġej:

“8. Prodotti kimiċi, metalli, liġi, kompożizzjonijiet kimiċi u materjali avvanzati oħra

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2610 00	Minerali mhux maħduma u konċentrati tal-kromu
2819 10	Triossidu tal-kromu
2819 90	Ossidi u idrossidi tal-kromu oħrajn
2825 80 00	Ossidi tal-antimonju
8103 20 00	Tantalju mhux maħdum, inklużi vireg magħmulin sempliċiment minn tgħaqqid bis-sħana trabijiet
8103 30 00	Fdalijiet u skart tat-tantalju
8103 91 00	Griġjoli tat-tantalju
8103 99	Oġġetti tat-tantalju
8112 21	Kromu: mhux maħdum; trabijiet
8112 22	Kromu: Skart u fdal
8112 29	Kromu: Oħrajn
8112 41	Renju mhux maħdum u skart, ruttam u trabijiet tar-renju
8112 49	Renju, għajr dak mhux maħdum, skart, ruttam u trabijiet
8112 92	Nijobju mhux maħdum ('koljomju'), gallju, indju, vanadju u ġermanju; trabijiet u skart u fdal ta' dawn il-metalli
8112 99	Oġġetti tan-nijobju ('koljombju'), gallju, indju, vanadju u ġermanju

”.

ANNEX III

Fl-Annex VIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNEX VIII

Lista ta' pajjiżi sħab imsemmija fl-Artikoli 2(4), 2a(4), 2d(4), 3h(3), 3k(4), 5c(1a), 5c(1b), 5i(2), 5n(10), 5q(1), 6(2a), 12g(1) u 12gb”.

ANNEX IV

Fl-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jiżdedu l-entitajiet li ġejjin:

Isem tal-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp	Data tal-applikazzjoni
“NPO ‘Istina’ (JSC)	It-12 ta’ Novembru 2025
LLC ‘Zemsky Bank’	It-12 ta’ Novembru 2025
Commercial Bank Absolut Bank (PAO)	It-12 ta’ Novembru 2025
PJSC ‘MTS Bank’	It-12 ta’ Novembru 2025
JSC ‘ALFA-BANK’	It-12 ta’ Novembru 2025”.

ANNEX V

L-Anness XVIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(a) it-Tabelli (15), (16) u (17) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(15) Oġġetti elettroniċi għall-użu domestiku ta' valur li jaqbeż EUR 750

ex	8414 51	Fannijiet għall-mejda, għall-art, għall-ħajt, għat-tieqa, għas-saqaf jew għall-bjut b'mutur elettriku fihom stess b'output ta' mhux iktar minn 125 W
ex	8414 59 00	Fannijiet oħrajn
ex	8414 60 00	Hoods b'ġenb orizzontali massimu mhux iktar minn 120 cm
ex	8415 10 00	Tipi għat-twieqi jew għall-ħajt, kollox f'ħaġa waħda jew sistemi maqsumin ('split system')
ex	8418 10 00	Frिगгijiet-frizi kkombinati, mgħammrin b'bibien esterni separati
ex	8418 21 00	Tip bil-kompressur
ex	8418 29 00	Refrigerejters oħra, friżers u tagħmir ieħor għat-tkessiħ jew l-iffriżar, tal-elettriku jew oħrajn; pompi tas-sħana ħlief magni tal-arja kundizzjonata tal-intestatura 8415
ex	8418 30 00	Friżi tat-tip senduq, ta' kapaċità li ma taqbiżx it-800 litru
ex	8418 40 00	Friżi tat-tip wieqaf, ta' kapaċità li ma taqbiżx id-900 litru
ex	8419 81 00	Għall-preparazzjoni tax-xarbiel sħan jew għat-tisjir jew tisħin ta' ikel
ex	8422 11 00	Tat-tip domestiku
ex	8423 10 00	Magni tal-użin tal-persuna, inkluż imwieżen għat-trabi; imwieżen tad-dar
ex	8443 12 00	Makkinarju tal-istampar offset, li jieħ u l-folji tal-karta, tat-tip tal-uffiċċju (li juża folji b'naħa minnhom li ma taqbiżx it-22 cm u n-naħa l-oħra ma taqbiżx is-36 cm fl-istat tagħhom meta mhux mitwija)
ex	8443 31 00	Magni li jwettqu żewġ funzjonijiet jew iktar ta' stampar, ikkupjar jew trażmissjoni tal-faksimile, li huma kapaċi jaqbdu ma' magna għall-ipproċessar awtomatiku tad-data jew ma' network
ex	8443 32 00	Stampaturi oħra, li kapaċi jaqbdu ma' magna ta' proċessar tad-data awtomatika jew ma' network
ex	8443 39 00	Oħrajn
ex	8450 11 00	Magni kompletament awtomatiċi

ex	8450 12 00	Magni oħrajn, b'magna li tnixxef ċentrifugali inkorporata
ex	8450 19 00	Oħrajn
ex	8451 21 00	Kull waħda ta' kapaċità li ma taqbiżx l-10 kg ta' ħwejjeġ xotti
ex	8452 10 00	Magni tal-ħjata tat-tip domestiku
ex	8508 11 00	Vacuum cleaners, b'mutur elettriku fihom stess ta' qawwa li ma taqbiżx l-1 500 W u li għandhom borża għat-trab jew reċipjent ieħor b'kapaċità li ma taqbiżx l-20 l
ex	8508 19 00	Oħrajn
ex	8508 60 00	Vacuum cleaners oħrajn
ex	8509 80 00	Apparati domestiċi oħrajn
ex	8516 31 00	Hairdryers
ex	8516 50 00	Fran tal-microwave
ex	8516 60 10	Cookers (li fihom għall-inqas forn u hob)
ex	8516 71 00	Magni tal-kafè jew tat-te
ex	8516 72 00	Toasters
ex	8516 79 00	Oħrajn
ex	8529 10 65	Antenni ta' ġewwa għal riċevituri tax-xandir tar-radju jew tat-televiżjoni, inklużi tipi built-in
ex	8529 10 69	Oħrajn
ex	9504 50 00	Consoles u magni tal-logħob vidjow, għajr dawk tas-subintestatura 9504 30
ex	9504 90 80	Oħrajn

(16) Apparat elettriku/elettroniku jew ottiku għar-reġistrazzjoni u riproduzzjoni tal-ħoss u immaġni ta' valur li jaqbeż EUR 1 000

ex	9006 00 00	Kameras fotografiki (għajr dawk ċinematografiċi); apparat tad-dawl flaxx u bozoz tal-flaxx fotografiki għajr il-lampi ta' skariku tal-intestatura 8539
----	------------	--

(17) Vetturi għat-trasport ta' persuni fuq l-art, fl-ajru jew fuq il-baħar b'valur li jkun aktar minn EUR 50 000 kull wieħed, teleferiki, liftijiet-siġġu, ski-draglines, mekkaniżmi ta' għid għal funikulari, muturi u roti b'valur li jkun aktar minn EUR 5 000 kull wieħed, kif ukoll l-aċċessorji u l-ispare parts tagħhom

ex	4011 10 00	Tat-tip li jintużaw fuq il-karozzi (inkluż l-istation wagons u l-karozzi tat-tlielaq)
ex	4011 40 00	Tat-tip li jintużaw fuq il-muturi
ex	4011 90 00	Oħrajn
ex	7009 10 00	Mirja retroviżuri għall-vetturi
ex	8603 00 00	Kowċijiet, vannijiet u trakkijiet awtopropulsivi tal-linji ferrovjarji jew tat-tramm, għajr dawk tal-intestatura 8604
ex	8605 00 00	Kowċijiet tal-passiġġieri tal-linji ferrovjarji jew tat-tramm, mhux awtopropulsivi; vannijiet għall-bagalji, kowċijiet tal-uffiċċju tal-posta u kowċijiet oħrajn tal-linji ferrovjarji jew tat-tramm għal użu speċjali, mhux awtopropulsivi (ħlief dawk tal-intestatura 8604)
ex	8702 00 00	Vetturi bil-mutur għat-trasport ta' għaxar persuni jew iktar, inkluż ix-xufier
ex	8706 00 00	Xażijiet armati bil-magni, għall-vetturi tal-intestaturi 8701 sa 8705
ex	8707 00 00	Bodies (inkluż kabini), għall-vetturi bil-mutur tal-intestaturi 8701 sa 8705
ex	8708 00 00	Parts u aċċessorji tal-vetturi bil-mutur tal-intestaturi 8701 sa 8705
ex	8711 00 00	Muturi (inkluż mopeds) u roti mgħammrin b'mutur awżiljarju, bis-side-cars jew le; side-cars
ex	8712 00 00	Biċikletti u roti oħrajn (inkluż triċikletti għat-tqassim), mhux motorizzati
ex	8714 00 00	Parts u aċċessorji ta' vetturi tal-intestaturi 8711 sa 8713
ex	8901 10 00	Vapuri tal-kruċiera, dgħajjes tal-eskursjonijiet u bastimenti simili maħsubin prinċipalment għat-trasport ta' persuni; ferry-boats ta' kull tip
ex	8901 90 00	Bastimenti oħrajn għat-trasport ta' oġġetti u bastimenti oħrajn għat-trasport kemm ta' persuni kif ukoll ta' oġġetti

”;

(b) it-Tabella (20) hija sostitwita b'dan li ġej:

“(20) Xogħlijiet tal-arti, biċċiet tal-kollezzjoni u antikitajiet

ex	97	Xogħlijiet tal-arti, biċċiet tal-kollezzjoni u antikitajiet
----	----	---

”;

(c) Tabella (23) hija ssostitwita b'dan li ġej:

“(23) Oġġetti u tagħmir ottiċi ta' kwalunkwe valur

ex	9004 90 90	Tagħmir tal-Viżjoni fid-Dlam, jew Tagħmir tal-Viżjoni Termali
----	------------	---

”.

ANNEX VI

L-Annex XIX tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNEX XIX

Lista ta' ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemija fl-Artikolu 5aa

Parti A

1. OPK OBORONPROM
2. UNITED AIRCRAFT CORPORATION
3. URALVAGONZAVOD
4. ROSNEFT
5. TRANSNEFT
6. GAZPROM NEFT
7. ALMAZ-ANTEY
8. KAMAZ
9. ROSTEC (RUSSIAN TECHNOLOGIES STATE CORPORATION)
10. JSC PO SEVMASH
11. SOVCOMFLOT
